32000R2605

30.10.2000 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 301/42

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2605/2000
tas-27 Novembru 2000
illi jimponi dazji ta' kontra d-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti mwieżen elettroniċi (REWS) illi joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, ir-Repubblika tal-Korea u t-Tajwan

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet illi jifqgħu s-suq minn pajjiżi terzi li mhux Membri tal-Komunità Ewropea [1], u partikolarment l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mogħtija mill-Kummissjoni wara illi kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

billi:

A. **PROĊEDURA**

1. **Bidu**

(1) Fis-16 ta' Settembru, 1999, l-Kummissjoni avżat permezz ta' avviż ("Avviż ta' Bidu") ippublikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* [2], il-bidu tal-proċediment ta' kontra d-*dumping* fir-rigward ta' l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' ċerti mwieżen elettroniċi ("REWS") illi joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("RPĊ"), ir-Repubblika tal-Korea ("Korea") u t-Tajwan.

(2) Il-proċediment ġie mibdi bħala riżultat ta' ilment illi kien sar fit-30 ta' Lulju, 1999 f'isem il-produtturi tal-Komunità illi jirrappreżentaw proporzjon maġġuri ta' l-industrija tar-REWS tal-Komunità, kif definita fl-Artikolu 5 (4) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 ("Regolament Bażiku"). L-ilment kien fih provi dwar id-*dumping* tal-prodott imsemmi u tad-danni materjali illi jirriżultaw minnu, illi kienu kkunsidrati suffiċjenti sabiex jiġġustifikaw il-bidu tal-proċediment.

2. **Investigazzjoni**

(3) Il-Kummissjoni uffiċjalment avżat illi l-ilmentaturi produtturi tal-Komunità, il-produtturi esportaturi, l-importaturi, l-utenti (kif ukoll l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi) illi huwa magħruf illi huma konċernati u r-rappreżentanti tal-pajjiżi esportaturi konċernati bil-bidu tal-proċediment. Il-partijiet interessati kienu ngħataw l-opportunità illi jagħmlu l-opinjonijiet tagħhom magħrufa bil-miktub u illi jitolbu seduta fit-terminu perentorju stabbilit fl-avviż tal-bidu tal-proċediment.

(4) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-partijiet illi dwarhom kienet taf illi huma kienu konċernati fit-terminu perentorju stabbiliti fl-Avviż ta' bidu. Ġew riċevuti tweġibiet minn żewġ produtturi tal-Komunità, tmien produtturi esportaturi fil-pajjiżi konċernati, kif ukoll minn ċertu importaturi relatati mill-Komunità u mill-produtturi illi qegħdin jikkoperaw fil-pajjiż analogu. Ir-risposti ġew riċevuti wkoll minn żewġ utenti tal-prodotti konċernati fil-Komunità.

(5) Il-Kummissjoni fittxet u ivverifikat l-informazzjoni kollha illi lilha deherlha xierqa bil-għan illi jiġi determinat id-*dumping*, id-danni u l-interessi tal-Komunità. Il-visti ta' verifiki saru fl-edifizzji tal-kumpanniji illi ġejjin:

(a) *Produtturi tal-Komunità*

Avery Berkel Ltd, Birmingham, ir-Renju Unit

Bizerba GmbH., Balingen, il-Ġermanja

Bizerba Belgium SA, Brussel, (sussidjarja ta' Bizerba GmbH)

(b) *Produtturi esportaturi*

IL-KOREA

A & D Korea Co. Ltd, Seoul

CAS Corporation, Seoul

Descom Scales Mfg. Co. Ltd, Kyungki-Do

IT-TAJWAN

Snowrex International Co. Ltd, Taipei

UWE-Universal Weight Enterprise Co. Ltd, Taipei

IR-REPUBBLIKA POPOLARI TA-ĊINA

Settler-Toledo Changzhou Scale Ltd, Changzhou

Shanghai Teraoka Electronic Co. Ltd, Shanghai

Shanghai Yamato Scale Co. Ltd, Shanghai

(ċ) *Pajjiż Analogu*

L-INDONEŻJA

PT TEC Indonesia Co. Ltd, Batam

(d) *Importaturi relatati*

Ishida Europe AB, Gustavsberg, l-Isvezja

Mettler-Toledo GmbH, Gießen, il-Ġermanja

Mettler-Toledo (Albstadt) GmbH, Albstadt, il-Ġermanja

Mettler-Toledo GmbH, Wien, l-Awstrija.

(6) L-investigazzjoni tad-*dumping* u d-danni kopriet il-perjodu ta' bejn l-1 ta' Settembru, 1998 sat-31 ta' Awissu, 1999 ("perjodu ta' investigazzjoni" jew PI). L-eżami tad-tendenzi relevanti għad-determinazzjoni tad-danni kopri mill-perjodu ta' l-1 ta' Jannar 1995 sa l-aħħar tal-perjodu ta' investigazzjoni ("perjodu ta' analiżi").

[1] ĠU L 56, 06.03.96, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 2238/2000 (ĠU L 257, 11.10.00, p. 2).

[2] ĠU C 262, 16.09.99, p. 8.

(7) Il-partijiet konċernati ġew infurmati bil-fatti essenzali u l-konsiderazzjoni tal-bażi illi fuqha kien intiż illi ssir ir-rakkommandazzjoni ta' l-imposizzjoni tal-miżuri eżistenti. Ir-rappreżentazzjonijiet kienu ġew riċevuti mill-partijiet interessati wara dan l-isvelar. Il-kummenti ta' dawn il-partijiet kien ġew kunsidrati u, meta xieraq, is-sejbiet ġew modifikati skond il-każ.

3. **Proċedimenti preċedenti illi jinvolvu l-prodotti konċernati**

(8) F'Ottubru 1993, permezz tar-Regolamenti (KEE) Nru 2887/93 [1], il-Kunsill impona miżuri definittivi għal kontra d-*dumping* fuq l-importazzjonijiet ta' REWS illi joriġinaw f'Singapor u l-Korea. Il-miżuri applikabbli għas-Singapor huma soġġetti għal reviżjoni illi qegħda ssir bħalissa illi kienet infetħet f'Ottubru ta' l-1998 [2] billi l-miżuri applikabbli għall-Korea skadew f'Ottubru 1998.

(9) F'April 1993, permezz tar-Regolament (KEE) Nru 993/93 [3], il-Kunsill impona miżuri definittivi għal kontra d-*dumping* fuq l-importazzjonijiet ta' REWS illi joriġinaw fil-Ġappun. Dawn il-miżuri huma soġġetti għal reviżjoni illi qegħda ssir bħalissa illi kienet infetħet f'April 1998 [4].

B. **PRODOTT KKUNSIDRAT U PRODOTT SIMILI**

1. **Prodott illi qiegħed jiġi kkunsidrat**

(10) Il-prodott illi qiegħed jiġi kkunsidrat huwa miżien elettroniku għall-użu fin-negozju bl-imnut illi jinkorpora viżwal diġitali tal-piż, il-prezz ta' kull unità u l-prezz illi għandu jitħallas (kemm jekk ikun jinkludi mezz kif tiġi stampata d-data kemm jekk le) illi jaqa' fi ħdan il-kodiċi CN ex 8423 81 50. REWS għandhom differenti ta' prestazzjoni u teknoloġija. F'dan irmudelli u livelli-rigward, l-industrija tiddefinixxi tliet segmenti ta' REWS: baxxi, medji jew ogħljin. Dawn ivarjaw mir-REWS illi jkunu indipendenti minn kull apparat ieħor u illi ma jkollhom stampanti inkorporati, għal mudelli aktar soffistikati illi jkolli sistemi ta' buttuni illi jkunu ġew impostati minn qabel u l-possibilità ta' integrazzjoni f'sistemi ta' kontroll kompjuterizzat u f'sistemi amministrattivi.

(11) Minkejja illi l-użu potenzali tar-REWS jista' jvarja minħabba l-funzjonalità addizzjonali fis-segmenti medji u ogħljin, mhemm l-ebda differenza sinjifikativa fil-karatteristiċi bażiċi fiżiċi u tekniċi tal-mudell varji tar-REWS. Barra minn hekk, l-investigazzjoni wriet illi bejn it-tliet segmenti mhemm l-ebda linja ta' demarkazzjoni ċara, u illi l-mudelli fis-segmenti ġirien qegħdin jiġu ta' spiss skambjati. Għaldaqstant, għandhom jiġu kkunsidrati bħala prodott singolu għall-għanijiet ta' din l-investigazzjoni.

2. **Prodott Simili**

(12) L-investigazzjoni wriet illi l-ME prodotti fir-RPĊ, fil-Korea, fit-Tajwan u l-Indonežja (illi serviet bħala pajjiż analogu għall-RPĊ) u illi nbiegħu fuq dawn is-swieq huma, minkejja d-differenzi fid-daqs, f'kemm iservu, fil-vultaġġ u d-disinn, identiċi jew jixbhu mill-viċin l-ME esportati mir-RPĊ, il-Korea u t-Tajwan lejn il-Komunità u għaldaqstant għandhom jitqiesu prodotti simili.

(13) Bl-istess mod, l-ME prodotti mill-industrija tal-Komunità u mibjugħa lis-suq ta-Komunità, huma l-istess f'kull rispett lejn l-ME prodotti u esportati lir-RPĊ, il-Korea u t-Tajwan lill-Komunità.

(14) Għaldaqstant, dawn il-prodotti huma l-istess fis-sens ta' l-artikolaru 1 (4) tar-Regolament bażiku.

Ċ. **DUMPING**

1. **Pajjiżi illi għandhom l-ekonomija tas-suq**

Metodoloġija Ġenerali

Valur Normali

(15) F'dak illi għandu x' jaqsam mad-determinazzjoni tal-valur normali, ġie l-ewwel stabbilit, għal kull prodottur esportatur, jekk il-bejgħ tiegħu domestiku totali ta' l-ME kenux rappreżentanti meta mqabblin mal-bejgħ tiegħu għall-esportazzjoni totali lejn il-Komunità. Skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament Bażiku, l-bejgħ domestiku kien kkunsidrat rappreżentattiv meta l-volum tal-bejgħ domestiku totali ta' kull produttur esportatur kien mill-anqas 5 % tal-volum totali tagħha tal-bejgħ għall-esportazzjoni lejn il-Komunità.

(16) Sussegwentement, dawn it-tipi ta' ME illi nbiegħu domestikament mill-kumpanniji, illi kienu identiċi jew direttament paragonabbli mat-tipi mibjugħa għall-esportazzjoni lejn il-Komunità, ġew identifikati.

(17) Għall kull wieħed mit-tipi mibjugħa mill-produtturi esportaturi fuq is-suq domestiku tagħhom u illi nstab illi kienu jaqblu direttament mat-tipi mibjugħa għall-esportazzjoni lejn il-Komunità, ġie stabbilit jekk il-bejgħ domestiku kienx suffiċjentement rappreżentattiv għall-għanijiet ta' l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku ta' tip partikolari kien kkunsidrat suffiċjentement rappreżentattiv meta l-volum totali tal-bejgħ domestiku ta' l-ME ta' dak it-tip matul il-perjodu ta' investigazzjoni irappreżenta 5 % jew aktar tal-volum totali tal-bejgħ ta' l-ME tat-tip paragonabbli esportat lejn il-Komunità.

---

[1] ĠU L 263, 22.10.93, p. 1.
[2] ĠU C 324, 22.10.98, p. 4.
[3] ĠU L 104, 29.04.93, p. 4.
[4] ĠU C 128, 25.04.98, p. 11.

(18) Sar ukoll eżami dwar jekk il-bejgħ domestiku ta' kull tip setax jiġi meqjus bħala dak illi jkun sar fil-kors ordinarju tan-negozju, billi tiġi stabbilita l-proporzjon tal-bejgħ bi profitt lill-klijenti indipendenti tat-tip in kwestjoni. Fil-każijiet fejn il-volum tal-bejgħ ta' l-ME nbiegħu bi prezzijiet tal-begjħ netti egwali għal jew fuq l-ispiża kalkolata tal-produzzjoni irrappreżenta 80 % jew aktar tal-volum totali tal-bejgħ, il-valur normali kien bażat fuq il-prezzijiet attwali domestiċi, kalkolat bħala medja peżata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu illi sar matul il-perjodu ta' investigazzjoni, irrispettivament jekk dan il-bejgħ kienx profittabbli jew le. Fil-każijiet meta l-volum tal-bejgħ bi profitt ta' l-ME irrappreżenta anqas minn 80 % jew 10 % jew aktar tal-volum tal-bejgħ domestiku totali, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezzijiet domestiċi attwali, kalkulat bħala medja peżata tal-bejgħ profittabbli biss. Fil-każijiet fejn il-volum tal-bejgħ profittabbli ta' kwalunkwe tip ta' ME irrappreżenta anqas minn 10 % tal-volum tal-bejgħ totali, ġie kkunsidrat illi dan it-tip partikolari kien inbiegħ f'kwantitajiet insuffiċjenti u għalhekk il-prezzijiet domestiċi ma setgħux jikkostitwixxu bażi xierqa għad-determinazzjoni tal-valur normali.

(19) Kull meta l-prezzijiet domestiċi ta' tip partikolari mibjugħ minn produttur esportatur ma setax jiġi użat, il-valur normali ġie mibni. Konsegwentement, skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Bażiku, il-valur normali ġie mibni billi nżied ma' l-ispejjeż tal-manifattura tat-tipi esportati, aġġustati fejn meħtieġ, persentaġġ raġjonevoli għall-ispejjeż tal-bejgħ, l-ispejjeż ġenerali u dawk amministrattivi ("BĠ u A") u marġni raġjonevoli ta' profitt. Għal dan il-għan, ġie eżaminat jekk il-BĠ u A intefqux u jekk il-profitt realiżżat minn kull wieħed mill-esportaturi produtturi konċernati fuq is-suq domestiku kienx jikkostitwixxi data affidabbli.

(20) L-ispejjeż tal-BĠ u A ġew kkunsidrati affidabbli meta l-volum tal-bejgħ domestiku tal-kumpanniji konċernati setax jiġi meqjus bħala rappreżentattiv. Il-marġni tal-profitt domestiku kien determinat fuq il-bażi tal-bejgħ domestiku illi kien sar fil-kors ordinarju tal-kummerċ, i.e., meta dan il-bejgħ lill-klijenti indipendenti bi prezzijiet illi kienu egwali għal jew ogħla mill-ispiża ta' produzzjoni irrappreżentaw għallinqas 10 % tal-volum totali tal-bejgħ domestiku tal-kumpannija konċernata. Peress illi dan il-kriterju ma ntlaħaqx, ġie użat il-marġni ta' profitt medju peżat tal-kumpanniji l-oħra fil-pajjiż konċernat b' bejgħ suffiċjenti magħmul fil-kors ordinarju tan-negozju.

Prezzijiet għall-esportazzjoni

(21) Fil-każijiet kollha, billi l-ME ġew esportati lejn klijenti indipendent fil-Komunità, il-prezzijiet ta' esportazzjoni kien stabbilit skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament Bażiku, senjatament fuq il-bażi tal-prezz ta' l-esportazzjoni illi jkun ġie fir-realtà mħallas jew dak illi jkun fir-realtà pagabbli.

(22) Peress illi l-bejgħ għall-esportazzjoni kien sar lill-importatur relatat, l-prezz ta' l-esportazzjoni kien ġie mibni skond l-Artikolu 2(9) tar-Regolament Bażiku, senjatament fuq il-bażi tal-prezzijiet illi bihom il-prodotti kienu oriġinarjament reġgħu ġew mibjugħa lil xerrej indipendenti. F'dawn il-każijiet, kienu saru aġġustamenti għall-ispejjeż illi ntefqu bejn l-istadji ta' l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid u għall-profitti illi nġemgħu, sabiex jiġi stabbilit prezz ta' l-esportazzjonijiet affidabbli. Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni illi hija disponibbli, dan il-profitt kien ġie stabbilit għal madwar 10 %. L-informazzjoni disponibbli kien dik miksuba minn importaturi mhux relatati f'investigazzjoni reċenti illi kienet tikkonċerna l-istess prodott. Dan kien ukoll kkunsidrat bħala raġonevoli għall-funzjonijiet moqdija mill-partijiet konċernati.

Paragun

(23) Il-paragun sar fuq il-bażi ta' ħruġ mill-fabbrika u fl-istess livell tan-negozju. Għall-għan illi jiġi assigurat paragun imparzjali bejn il-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni sar debitament *allowance* fil-forma ta' aġġustamenti għad-differenzi illi jeffettwaw il-paragonabilità tal-prezzijiet skond l-Artikolu 2 (10) tar-Regolament bażiku.

*Marġni tad-*dumping *għall-kumpanniji investigati*

(24) Skond l-Artikolu 2 (11) tar-Regolament bażiku, il-valur medju normali peżat bit-tip kien paragonat mal-prezz medju peżat ta' l-esportazzjoni għal kull prodott. Madankollu, l-valur normali stabbilit fuq bażi medja peżata ġie mqabbel mal-prezzijiet ta' kull operazzjoni individwali ta' esportazzjoni lejn il-Komunità fejn kien hemm disinn tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni illi kienet differenti ħafna fost ir-reġjuni differenti, xerrejja jew perjodu ta' żmien, u jekk il-paragun ta' medja peżata ma' medja peżata ma tkun tirrifletti l-grad sħiħ ta' *dumping* illi jkun qiegħed jiġi prattikat.

*Marġni tad-*dumping *għall-kumpanniji illi ma jikkoperawx*

(25) Għall-kumpanniji illi ma jikkoperawx, marġni tad-*dumping* residwu ġie determinat skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku fuq il-bażi tal-fatti disponibbli.

(26) Għal dawk il-pajjiżi b' livell għoli ta' koperazzjoni, ġie deċiż illi jiġi stabbilit marġni residwu fil-livell tal-kumpanniji illi jikkoperaw bl-ogħla marġni tad-*dumping*.

(27) Għal dawk il-pajjiżi, meta l-livell tal-koperazzjoni kien baxxi, l-informazzjoni mill-kumpanniji illi kienu qegħdin jikkoperaw bl-ogħla marġni tad-*dumping* kienet użata. Il-marġni tad-*dumping* residwu kien determinat fuq il-bażi tal-marġni medja peżata tat-tipi illi ġew iddumpjati

tal-prezzijiet bl-ogħla marġni tad-*dumping* esportati fi kwantitajiet rappreżentattivi. Dan l-approċċ kien ukoll ikkkunsidrat neċessarju sabiex jiġi evitat illi jingħata bonus għan-nuqqas ta' koperazzjoni u in vista tal-fatt illi ma kien hemm l-ebda indikazzjoni illi l-partijiet illi ma jikkoperawx kienu iddumpjaw b' livell aktar baxx.

2. **Korea**

(28) Tliet kumpanniji irrispondew il-kwestjonnarju għall-produtturi esportaturi. Żewġ importaturi fil-Komunità illi kellhom x' jaqsmu ma' żewġ produtturi esportaturi wkoll irrispondew għall-kwestjonarju.

Valur Normali

(29) Għall-produttur esportatur, il-valur normali kien interament ibbażat fuq il-prezzijiet domestiċi u għall-produttur esportatur ieħor il-valur normali kien interament ibbażat fuq il-valur normali mibni. Għat-tielet kumpannija, kemm il-valuri mibnijin normali u l-valuri normali ibbażati fuq il-prezzijiet domestiċi ġew użati.

(30) Meta l-valuri normali kienu mibnijin, l-ispiża tal-manifattura u l-BĠ u A ta' kull produttur esportatur in kwestjoni setgħu jiġu użati. Għall-produttur wieħed, meta l-bejgħ ta' ċerti mudelli kien sar b' telf, intuża l-profitt medju tal-mudelli illi kien fadal fuq is-suq domestiku illi kienu ħallew qliegħ. Fejn il-bejgħ domestiku kollu kien sar b' telf, ġie użat il-profitt medju taż-żewġ produtturi l-oħra.

Prezzijiet ta' l-esportazzjoni

(31) Fil-każijiet tal-bejgħ għall-esportazzjoni lejn il-Komunità tal-prodotti konċernati mill-esportaturi produtturi lill-importaturi indipendenti fil-Komunità il-prezzijiet ta' esportazzjoni ġie stabbilit skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament Bażiku b' referenza għall-prezzijiet illi tħallsu verament jew pagabbli.

(32) Fil-każijiet ta' bejgħ għall-esportazzjoni lejn il-Komunità mill-produtturi esportaturi permezz ta' l-importaturi relatati fil-Komunità l-prezzijiet ta' l-esportazzjonijiet ġew mibnijin fuq il-bażi tal-prezzijiet illi bihom il-prodotti importati kienu l-ewwel reġgħu ħew mibjugħin lill-xerrej indipendenti skond l-artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. Saru mbagħad aġġustamenti għall-ispejjeż kollha illi kienu intefqu bejn l-istadji ta' l-importazzjoni u l-bejgħ u għall-profitti illi nġemgħu, sabiex jiġi stabbilit b' mod affidabbli l-prezz ta' l-esportazzjonijiet.

Paragun

(33) Sar il-paragun fuq il-bażi tal-prezz hekk kif il-prodott jitlaq mill-fabbrika u fl-istess livell tal-kummerċ. Sabiex jiġi assigurat paragun imparzjali, ittieħed kont, skond l-Artikolu 2 (10) tar-Regolament Bażiku, tad-differenzi fil-fatturi illi ġew pretiżi u murija illi jeffettwaw il-prezzijiet u l-paragonabilità tal-prezzijiet; l-*allowances* kollha għad-differenzi fit-Trasport, l-assigurazzjoni, l-immeniġġjar, l-ispejjeż tat-tagħbija u spejjeż anċillari, il-kreditu, il-kummissjonijiet, il-ħlasijiet illi għandhom isiru fuq l-importazzjonijiet u l-ispejjeż ta' wara l-bejgħ (garanziji eċċ.) ġew mogħtija meta applikabbli u ġustifikati. Dawn inkludew, fil-każ ta' żewġ kumpanniji, l-aġġustamenti għall-ispejjeż illi ntefqu minn parti relatati fil-Ġappun.

(34) L-istess aġġustamenti illi saru lill-valur normali ibbażat fuq il-bejgħ domestiku kienu saru wkoll fuq il-valur normali kalkolat skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku.

Marġni tad-dumping

(35) Kif previst mill-Artikolu 2 (11) tar-Regolament bażiku, il-valuri medji peżati ta' kull tip ta' prodott konċernat esportat lejn il-Komunità ġew imqabblin mal-prezzijiet medji peżati ta' l-esportazzjoni ta' kull tip korrispondenti tal-prodott konċernat. Madankollu għal żewġ prodotti esportaturi, dan il-metodu ma irriflettiex il-grad sħiħ tad-*dumping* illi qiegħed jiġi prattikat u kien hemm disinn ta' prezzijiet ta' l-esportazzjoni illi kien sostanzjalment differenti fost ix-xerrejja u r-reġjuni differenti. Għaldaqstant, il-valur normali stabbilit fuq il-bażi ta' medja peżata kien imqabbel mal-prezzijiet tat-transazzjonijiet individwali lejn il-Komunità.

(36) Il-paragun wera l-eżistenza ta' *dumping* fir-rigward ta' żewġ produtturi koperattivi. Il-marġni tad-*dumping* espressa bħala persentaġġ tal-prezzijiet CIF (spiża, assugarizzjoni, trasport) fuq il-fruntiera tal-Komunità huma:

CAS Corporation, Seoul	0 %
A & D Korea Co. Ltd, Seoul	4,7 %
Descom Scales Mfg. Co. Ltd, Kyungki-Do	4,9 %

Peress illi l-livell tal-koperazzjoni kien għoli, il-marġni tad-*dumping* residwa ġie stabbilit fl-istess livell ta' dak tal-kumpanniji koperattivi i.e. 4,9 %.

3. **Tajwan**

(37) Żewġ kumpanniji irrispondew għall-kwestjonnarju għall-produtturi esportaturi.

Valur normali

(38) Għall-produttur wieħed, il-bejgħ kollu domestiku tar-REWS (tal-grupp tal-medda l-baxxa) kien sar b' telf. Għall-produtturi l-oħrajn, ir-REWS paragonabbli esportati (kollha fil-qasam tal-medda l-baxxa) ma kienx mibjugħ fuq is-suq lokali.

(39) Għaldaqstant, għall-mudelli tal-prodott kollha mibjugħa għall-esportazzjoni lejn il-Komunità, il-valur normali ġie mibni skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Bażiku. Għal kull produttur esportatur, l-ispejjeż tiegħu ta' manifattura tal-mudelli esportati u l-ispejjeż tiegħu domestiċi BĠ u A ġew użati. Il-marġni tal-profitt użat għaż-żewġ produtturi esportaturi kien dak stabbilit għall-kumpanniji profittabbli fuq il-bejgħ domestiku tal-mudelli REWS illi kienu saru matul il-kors ordinarju tan-negozju iżda illi ma kenux paragonabbli mal-mudelli esportati.

Prezzijiet għall-esportazzjoni

(40) Il-bejgħ kollu tal-prodott konċernat għall-esportazzjoni lejn il-Komunità miż-żewġ produtturi esportaturi kienu lejn importaturi indipendenti fil-Komunità. Għaldaqstant, il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni kienu stabbiliti skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament Bażiku b' referenza għall-prezzijiet illi tħallsu attwalment jew pagabbli.

Paragun

(41) Sar il-paragun fuq il-bażi tal-prezz hekk kif il-prodott jitlaq mill-fabbrika u fl-istess livell tal-kummerċ. Sabiex jiġi assigurat paragun imparzjali, ittieħed kont, skond l-Artikolu 2 (10) tar-Regolament Bażiku, tad-differenzi fil-fatturi illi ġew pretiżi u murija illi jeffettwaw il-prezzijiet u l-paragonabilità tal-prezzijiet; l-*allowances* kollha għad-differenzi fit-trasport, il-ħlasijiet illi għandhom isiru fuq l-importazzjonijiet, il-kreditu u l-kummissjonijiet, l-immeniġjar, it-tagħbija u l-ispejjeż anċillari ġew mogħtija meta applikabbli u ġustifikati skond l-Artikolu 2 (10) tar-Regolament bażiku.

(42) L-istess aġġustamenti saru wkoll għall-valuri normali kalkolati skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku, meta applikabbli u ġustifikati.

*Il-marġni tad-*dumping

(43) Kif previst fl-Artikolu 2 (11) tar-Regolament bażiku, l-valuri medji peżati ta' kull tip ta' prodott konċernat esportat lejn il-Komunità ġew paragonati għall-prezzijiet medji peżati ta' l-esportazzjoni ta' kull tip korrispondenti tal-prodott konċernat. Madankollu, għal produttur esportatur wieħed, dan il-metodu ma irriflettiex il-grad sħiħ tad-*dumping* illi kien qiegħed jiġi ipprattikat u kien hemm disinn tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni illi kien ivarja sostanzjalment bejn ix-xerrejja u r-reġjuni differenti. Għaldaqstant, il-valur normali stabbilit fuq il-bażi tal-medja peżata ġie paragonata mal-prezzijiet tat-transazzjonijiet individwali kollha lejn il-Komunità.

(44) Il-paragun wera l-eżistenza ta' *dumping* fir-rigward ta' żewġ produtturi koperattivi. Il-marġni tad-*dumping* espressa bħala persentaġġ tal-prezzijiet CIF (spiża, assugarizzjoni, trasport) fuq il-fruntiera tal-Komunità huma:

Universal Weight Enterprise (UWE)	5,5 %
Snowrex International	5,9 %

Peress illi l-livell ta' koperazzjoni kien baxx, il-marġni tad-*dumping* residwa kien stabbilit fil-livell tal-mudell bl-ogħla marġni tad-*dumping* individwali mibjugħ fi kwantitajiet rappreżentativi.

4. **Ir-Repubblika Popolari Ċiniża**

Analiżi ta' l-istatus ta' l-ekonomija tas-suq

(45) Tliet kumpanniji ċiniżi talbu l-istatus ta' l-ekonomija tas-suq ("SES"), skond l-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku. It-talba illi saret minn kumpannija waħda kellha tiġi miċħuda minħabba l-fatta illi l-informazzjonijiet illi kellha tasal għand il-Kummissjoni waslet konsiderevolment wara t-trapass tat-terminu u barra minn hekk, ma kienitx sħiħa u kellha partijiet essenzali mir-risposta neqsin fir-rigward ta' l-informazzjoni mitluba. Il-Kummissjoni fittxet l-informazzjoni kollha illi lilha kien jidhrilha meħtieġa u ivverifikat l-informazzjoni mogħtija fl-applikazzjoni għall-SES, fuq il-post, fl-edifizzji taż-żewġ kumpanniji rimanenti.

(46) Il-Kummissjoni sabet illi ż-żewġ kumpanniji fir-RPĊ kienu qegħdin ibiegħu bi prezzijiet bejn wieħed u ieħor uniformi u illi jħallu t-telf għal numru kbir ta' snin. Barra minn hekk, iż-żewġ kumpanniji ma kenux liberi illi jiddeċiedu jekk u sa liema limitu setgħu jbiegħu l-prodott tagħhom fuq is-suq domestiku. Kienet il-prattika tal-Kummissjoni illi tiċħad it-talba għall-iSES meta l-bejgħ domestiku huwa ristrett u meta mhemmx u meta mhemmx varjazzjonijiet fil-prezzijiet bejn il-klijenti il-prezzijiet simili jistgħu jirriżultaw minn kontrolli imposti fuq il-prezzijiet. Barra minn hekk, il-provi indikaw illi dawn il-prezzijiet kienu f'livelli illi jħallu telf għal numru kbir ta' snin u dan minnu nnifsu jindika illi il-produtturi ma kenux qegħdin joperaw taħt il-kondizzjonijiet ta' l-ekonomija tas-suq.

(47) Konsegwentement, il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(7)(ċ) tar-Regolament bażiku ma ntlaħqux mill-kumpanniji investigati. Wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, il-kumpanniji konċernati kienu għaldaqstant infurmati illi l-applikazzjonijiet tagħhom għall-iSES kellha tiġi miċħuda.

Għażla ta' pajjiż analogu

(48) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumpanniji illi jaderixxu għar-rekwiżiti tas-SES, kien meħtieġ illi l-prezzijiet ta' l-esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi Ċiniżi b' valur normali stabbilit għal pajjiż b' ekonomija tas-suq idonea, skond l-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku.

(49) Il-ilmentatur issuġġerixxa l-Indoneżja u l-Kummissjoni ipproponietha fl-Avviż ta' Bidu. Ma tqajmu l-ebda objezzjonijiet minn kwalunkwe parti interessati fir-rigward ta' din l-għażla. Produttur Indoneżjan sussegwentement ikkopera u ta' risposta għall-kwestjonarju. Din ir-risposta kienet aċċettabbli. Konsegwentement, ġie kkunsidrat bħala possibbli l-użu ta' l-Indoneżja bħala pajjiż analogu f'din l-investigazzjoni.

(50) Ġie deċiż illi l-Indoneżja kienet l-aktar pajjiż terz b'ekonomija tas-suq xierqa bil-għan illi jiġi stabbilit il-valur normali, in vista tal-volum sostanzjali tal-bejgħ domestiku u għall-esportazzjoni illi kien sar mill-produttur Indoneżjan kif imqabbel ma' l-importazzjonijiet fil-Komunità mir-RPĊ u l-livell ta' kompetizzjoni fl-Indoneżja u s-suq ta' l-esportazzjoni illi ippermetta illi jitħalla qligħ raġjonevoli, iżda mhux eċċessiv. Barra minn hekk, il-bejgħ fil-Korea u t-Tajwan ma kienx kkunsidrat xieraq sabiex jiġi stabbilit il-valur normali, peress illi r-REWS mibjugħin f'dawn is-swieq kienu fil-grupp tal-medda baxxa u, għaldaqstant, ma kenux paragonabbli għall-mudelli esportati illi joriġinaw fir-RPĊ.

Trattament individwali

(51) Kull wieħed mill-prodotturi esportaturi Ċiniżi illi kienu qegħdin jikkoperaw talbu trattament individwali. Huma irrispondew għall-mistoqsijiet komprensivi inklużi fil-formola tat-talba għall-iSES illi ntbagħtet lill-partijiet konċernati hekk kif inbeda l-proċediment. Dawn it-talbiet ġew eżaminati b' attenzjoni ewlenzija lejn dawk l-oqsma illi kellhom impatt dirett fuq l-attivitajiet ta' esportazzjoni tal-kumpanniji. Instab illi fir-riwgard ta' l-attivitajiet ta' l-esportazzjoni, il-livell ta' l-indħil ta' l-Istat ma kienx tali illi jippermetti xi influwenza sostanzjali lanqas illi jippermeti illi jiġu evitati l-miżuri kieku l-esportaturi kellhom jiġu mogħtija r-rati individwali tad-dazju.

(52) Għat-tliet kumpanniji kollha, minn eżami ta' l-informazzjoni provduta deher jindika illi l-kumpanniji kienu qegħdin jaderixxu mal-kondizzjonijiet għall-ksib tat-trattament individwali.

Konsegwentement, ġie deċiż illi jingħata trattament individwali għat-tliet kumpanniji.

Valur normali

(53) Il-valur normali għall-prodotturi esportaturi ċiniżi – illi esportaw biss tipi fil-qasam b' medda baxxa lejn l-UE – ġie kalkolat, skond l-Artikolu 2(2) u 2(3) tar-Regolament Bażiku, fuq il-bażi tal-valuri normali stabbiliti għall-kumpanniji Indoneżjani illi kienu qegħdin jikkoperaw bl-użu tal-mudell tal-qasam tal-medda baxxa l-aktar kompettiv mibjugħ kemm fuq is-suq Indoneżjan kif ukoll fuq dak ta' l-esportazzjoni fi kwantitajiet sostanzjali, u illi nstab illi huwa paragonabbli għat-tipi Ċiniżi esportati lejn il-Komunità.

Prezzijiet ta' l-esportazzjoni

(54) Fil-każijiet tal-bejgħ għall-esportazzjoni lejn il-Komunità tal-prodotti konċernati mill-esportaturi produtturi lejn importaturi indipendenti fil-Komunità, il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni ġew stabbiliti skond l-Artikolu 2(8) atr-Regolament bażiku b' referenza għall-rezzijiet illi ħallsu attwalment jew pagabbli.

(55) Fil-każijiet ta' bejgħ għall-esportazzjoni lejn il-Komunità mill-produtturi esportaturi permezz ta' importaturi relatati fil-Komunità, il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni ġew rikostruwiti fuq il-bażi tal-prezzijiet illi bihom il-prodotti importati kienu ġew l-ewwel darba mibjugħin lix-xerrej indipendenti skond l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku.

Paragun

(56) Sar il-paragun fuq il-bażi tal-prezz hekk kif il-prodott jitlaq mill-fabbrika u fl-istess livell tal-kummerċ. Sabiex jiġi assigurat paragun imparzjali, ittieħed kont, skond l-Artikolu 2 (10) tar-Regolament Bażiku, tad-differenzi fil-fatturi illi ġew pretiżi u murija illi jeffettwaw il-prezzijiet u l-paragonabilità tal-prezzijiet; l-*allowances* kollha għad-differenzi fit-Trasport, l-assigurazzjoni, l-immeniġġjar, l-ispejjeż tat-tagħbija u spejjeż anċillari, il-kreditu, il-kummissjonijiet, il-ħlasijiet illi għandhom isiru fuq l-importazzjonijiet u l-ispejjeż ta' wara l-bejgħ (garanziji eċċ.) ġew mogħtija meta applikabbli u ġustifikati.

Marġni tad-dumping

(57) Kif previst mill-Artikolu 2 (11) tar-Regolament bażiku, il-valuri medji peżati tal-grupp ta' mwieżen b' medda baxxa tal-prodotti esportati esportati lejn il-Komunità ġew imqabblin mal-prezzijiet medji peżati ta' l-esportazzjoni tat-tip korrispondenti tal-prodott konċernat. Madankollu għal produttur esportatur wieħed, il-valur normal stabbilit fuq il-bażi tal-medja peżata ġie mqabbel mal-prezzijiet tat-transazzjonijiet individwali lejn il-Komunità peress illi kien hemm disinn ta' prezzijiet ta' l-esportazzjoni illi kienet differenti ħafna fost ix-xerrejja, ir-reġjuni u l-perjodu ta' żmien differenti u peress illi l-metodu tal-medja peżata ma irriflettiex il-grad sħiħ tad-*dumping* illi kien qiegħed jiġi ipprattikat.

(58) Il-paragun wera l-eżistenza tad-*dumping* fir-rigward tat-tliet produtturi illi kienu qegħdin jikkoperaw u illi ġew aċċettati għat-trattament individwali. Il-marġni tad-*dumping* espressa bħala persentaġġ tal-prezzijiet CIF (spiża, assugarizzjoni, trasport) fuq il-fruntiera tal-Komunità huma:

Shanghai Teraoka Electronic Co. Ltd, Shanghai	12,8 %
Shanghai Yamato Scale Co. Ltd, Shanghai	9,0 %
Mettler-Toledo Changzhou Scale Ltd, Changzhou	12,2 %

Peress illi l-livell ta' koperazzjoni kien baxxi, il-marġni tad-*dumping* residwa kienet stabbilita fil-livell tal-mudell bl-ogħla *dumping* individwali mibjugħ f'kwantitajiet rappreżentativi kif ukoll għall-kumpanniji koperattivi, i.e. 30.7 %.

D. **DANNI**

1. **Struttura ta' l-Industrija tal-Komunità**

(59) L-istruttura ta' l-Industrija tal-Komunità inbidlet sostanzjalment fil-perjodu ta' analiżi. Minn Ottrubru 1993, (i.e. meta l-miżuri definittivi ta' kontra d-*dumping* ġew imposti fuq l-importazzjonijiet ta' REWS illi joriġinaw fis-Singapor u l-Korea) programm ta' ristrutturazzjoni u konsolidazzjoni fisser illi mid-disa' kumpanniji illi ikkoperaw f'dik l-investigazzjoni, erbgħa biss baqgħu attivi fil-perjodu ta' investigazzjoni għall-investigazzjoni kurrenti. Sar evidenti matul l-investigazzjoni illi l-produtturi l-oħra tal-Komunità irristruttura u ikkonsolidaw fuq l-istess linja.

(60) Minkejja illi erba' produtturi tal-Komunità jappoġġjaw l-ilmentatur (rappreżentanti ta' aktar minn 50 % tal-produtturi tal-Komunità), tnejn biss minn dawn il-kumpanniji ikkoperaw ma' l-investigazzjoni permezz illi irispondew għall-kwestjonarji. Dawn iż-żewġ kumpanniji irrappreżentaw 39 % tal-produtturi totali tal-Komunità fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(61) Għandu jiġi innutat illi għall-għanijiet tal-kalkolu tal-produtturi totali tar-REWS tal-Komunità, skond l-Artikolu 4(1)(a) u (2) tar-Regolament bażiku, kwalunkwe kumpannija illi topera fil-Komunità relatata mal-produtturi esportaturi fil-pajjiżi konċernati ġiet eskluża mid-definizzjoni ta' produtturi totali tal-Komunità. Fil-każ ta' Mettler-Toledo, kien ċar illi l-produttur fil-Komunità direttament jikkontrolla is-sussidjarju tiegħu fir-RPĊ.

(62) Ġie mitlub minn wieħed mill-operaturi l-oħrajn fil-Komunità (illi ġie eskluż mid-definizzjoni ta' produtturi tal-Komunità minħabba illi huwa wieħed mill-produtturi esportaturi fir-RPĊ) illi l-livell ta' koperazzjoni msemmi hawn fuq (39 %) ma kienx biżżejjed sabiex jiġġustifika l-kontinwazzjoni ta' l-investigazzjoni. Din il-pretensjoni kienet ġiet miċħuda minħabba illi żewġ produtturi tal-Komunità illi kienu qegħdin jikkoperaw irrappreżentaw sostanzjalment aktar minn 25 % tal-produtturi totali fil-Komunità, u, għaldaqstant, jikkwalifikaw bħala proporzjon maġġuri tal-produtturi tal-Komunità skond l-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku. Dawn iż-żewġ produtturi, konsegwentement, jikkostitwixxu, l-industrija tal-Komunità.

2. **Konsum apparenti fil-Komunità**

Ġenerali

(63) Il-konsum fil-Komunità ġie ikkulat bl-użu ta' data dwar il-bejgħ verifikata provduta mill-industrija tal-Komunità u, tal-figuri provduti fl-ilment (għall-operaturi l-oħrajn fil-Komunità), u l-volumi ta' l-importazzjonijiet miksuba permezz ta' l-Eurostat.

REWS f'unitajiet	1995	1996	1997	1998	PI
Konsum fil-Komunità	161 682	172 314	177 391	201 123	218 655
Indiċi — 1995 = 100	100	107	110	124	135
REWS b' medda baxxa	59 952	77 100	74 614	79 502	79 754
Indiċi — 1995 = 100	100	129	124	133	133

Fil-perjodu ta' l-analiżi, l-konsum tar-REWS kollha żdied b' 35 % u l-konsum tar-REWS b' medda baxxa żdied bi 33 %. Iż-żjieda fil-konsum tal-grupp b' medda baxxa qiegħed jiġi muri separatament għaliex kien proprju f'dan il-grupp illi 97 % ta' l-importazzjonijiet mill-pajjiżi konċernati fil-perjodu ta' investigazzjoni kienu konċentrati. Iż-żjieda fil-konsum fl-1996 kienet ikkawżata minn żjieda kbira fl-importazzjonijiet mill-pajjiżi konċernati. Il-volumi ta' l-importazzjonijiet imbagħad waqa' fl-1997.

Effett tal-Euro

(64) Iż-żjieda fil-konsum mill-1997 sal-perjodu ta' investigazzjoni kien prinċiparjament dovut għal żjieda ta' darba waħda fit-talba min-negozjanti illi jbiegħu bl-imnut illi hija r-riżultat ta' l-introduzzjoni tal-euro. Tabilħaqq, bħala antiċipazzjoni għall-introduzzjoni tal-euro, n-negozjanti illi jbiegħu bl-imnut riedu jkunu kapaċi juru l-prezzijiet lill-klijenti bl-euro kif ukoll fil-muniti nazzjonali u għaldaqstant, bdew jantiċipaw il-bidla tar-REWS antiki tagħhom. Dan ħoloq żjieda fid-domanda fis-suq tal-Komunità u l-volum tal-bejgħ żdied fil-gruppi kollha. Din is-sitwazzjoni mtejba mhiex ser iddum wisq u ser tkun qasira u ġie mbassar illi l-konsum ser jaqa', minħabba illi ħafna negozjanti illi jbiegħu bl-imnut illi kien ser ikollhom jibdlu r-REWS tagħhom fil-perjodu ta' bejn l-2001 sa l-2004, ser ikun diġa għamlu bejn l-1997 u l-2000. Għaldaqstant, l-impatt globali ta' l-effett tal-euro mhuwiex ser ikun illi jiżdied il-konsum iżda sempliċiment illi jġib 'il quddiem ftit bejgħ minn perjodu (l-2001 sa l-2004) għal ieħor (l-1997 sa l-2000)

(65) Minkejja illi d-data finali għall-implimentazzjoni tal-metrikazzjoni tal-ħwienet illi jbiegħu bl-imnut fir-Renju Unit ukoll ser iżid il-konsum, l-impatt ma kienx daqshekk important fiż-żjieda fil-bejgħ u affettwa biss lil dak l-Istat Membru biss.

(66) It-tabella t' hawn taħt turi l-iżvilupp attwali/l-iżvilupp mistenni fil-konsum mill-1995 sa l-2005. It-tabella turi wkoll illi l-effett ta' l-euro jipprovdi titjib temporanju lill-bejgħ fil-perjodu ta' bejn l-1997 u l-2000 u illi l-konsum mill-2000 sa l-2002 huwa mbassar illi jkun aktar baxx. Mill-2004 'il quddiem, il-konsum huwa mbassar illi jerġa lura għal-livell normali tiegħu (i.e. dak ta' l-1995/96).

(Il-konsum f'unitajiet kalkolati bl-eluf ('000))

1995	1996	1997	1998	1999	2000	2001	2002	2003	2004	2005
162	172	178	201	219	177	144	126	144	172	172

(67) L-eżistenta u/jew l-importanza ta' l-effett ta' l-euro ġie kontesta minn uħud mill-produtturi esportaturi. Madankollu, ma ġiet mogħtija l-ebda spjegazzjoni alternattiva għaż-żjieda fil-konsum. It-talba tagħhom, għaldaqstant, ġiet miċħuda.

(68) Ġie sottolineat minn produttur esportatur illi l-konsum kien żdied mill-aħħar investigazzjonijiet fil-prodotti konċernati, msemmijin fil-premessi 8 u 9. Tabilħaqq, instab illi l-konsum tal-prodott konċernat kien żdied u kompla jagħmel dan matul il-perjodu ta' analiżi. Madankollu, kif spjegat hawn fuq, din iż-żjieda tista' tiġi, fil-maġġorparti tagħha attribwita għall-effett tal-euro.

3. **Importazzjonijiet fil-Komunità mill-pajjiżi konċernati**

Stima kumulattiva ta' l-effetti ta' l-importazzjonijiet konċernati

(69) Ġie l-ewwel eżaminat jekk l-importazzjonijiet mill-pajjiżi konċernati għandhomx jiġu stmati kumulattivament, filwaqt illi jittieħed kont tas-sejbiet fuq id-*dumping* kif stabbilit hawn fuq. Instab illi:

— il-marġni tad-*dumping* stabbiliti kienu aktar minn *de minimis* għall-pajjiżi kollha konċernati;

— il-volum ta' l-importazzjonijiet minn kull pajjiż u l-ishma korrispondenti mis-suq ma kenux negliġibbli meta mqabbla mal-konsum fil-Komunità;

— il-prodotti konċernati importati mill-pajjiżi konċernati kienu interkambjabbli ħafna;

— il-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet segwew ħafna l-istess tendenza;

— analiżi tal-kondizzjonijiet tal-kompetizzjonijiet bejn ir-REWS importati u l-prodotti l-oħra simili tindika illi r-REWS kollha huma mibjugħa bl-istess politika ta' prezzijiet lill-istess livell ta' klijenti.

Ċerti produtturi esportaturi allegaw illi l-importazzjonijiet tagħhom m' għandhomx jiġu kumulati ma' dawk minn pajjiżi oħra, għax il-livell ta' prezzijiet u t-tendenza fil-volum tal-bejgħ tagħhom ma kienx l-istess. Ġie konkluż, madankollu, illi l-kondizzjonijiet kollha illi jiġġustifikaw il-kumulazzjoni ta' l-importazzjonijiet mill-pajjiżi konċernati ġew milħuqa għar-raġunijiet mogħtija hawn fuq. Dawn l-argumenti, għaldaqstant, ġew riġettati.

Volum ta' l-importazzjonijiet konċernat

(70) Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mill-Eurostat, il-volum tar-REWS importat mill-pajjiżi konċernati fil-Komunità matul il-perjodu ta' analiżi żdied minn 14 533 unitajiet fl-1995 sa 33 063 unitajiet fil-perjodu ta' investigazzjoni (i.e. bi 123 %). L-investigazzjoni wried illi aktar minn 97 % tar-REWS importati mill-pajjiżi konċernati matul il-perjodu ta' investigazzjoni kienu fil-grupp tal-medda baxxa kif spjegat fil-premessa 73.

Sehem mis-suq ta' l-importazzjonijiet

(71) Is-sehem mis-suq tal-produtturi esportaturi żdied minn 9,2 % sa 15,0 % fil-perjodu ta' analiżi. Dan huwa f'kuntrast mat-telf fis-sehem mis-suq ta' -4.6 % ta' l-industrija tal-Komunità matul dan il-perjodu (i.e. minn 26.1 % għall-24.9 %) u -22 % għar-REWS fil-grupp ta' medda baxxa (i.e. minn 21.8 % sa 17.1 %).

Tnaqqis eċċessiv fil-prezzijiet

(72) Sar paragun fil-prezzijiet tal-bejgħ fis-suq tal-Komunità matul il-perjodu ta' investigazzjoni bejn il-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità u dawk tal-produtturi esportaturi illi kienu qegħdin jikkoperaw. Skond l-investigazzjonijiet preċedenti ta' dan il-prodott, il-paraguni kienu saru fuq il-bażi tal-bejgħ fuq is-suq tal-Komunità ta' mudelli paragonabbli fl-istess livell tan-negozju (prezzijiet lill-importaturi/bejjiegħa indipendenti). Barra minn hekk, skond l-investigazzjonijiet preċedenti, l-prezzijiet kienu mqabblin mill-Istat Membru tal-bejgħ fuq il-bażi tal-medja peżata għal kull produttur esportatur. Il-prezzijiet kollha kienu netti mill-iskontijiet. Il-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità kienu ġew aġġustati għall-prezzijiet illi jirriżultaw mix-xogħolijiet. Il-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet illi kienu l-oġġetti ta' *dumping* kienu prezzijiet illi jikkomprendu l-ispejjeż, l-assigurazzjoni u t-trasport (CIF) fil-fruntiera tal-Komunità u inklużi d-dazji ta' l-importazzjonijiet meta applikabbli.

(73) Il-maġġoranza l-kbira tal-mudelli mibjugħin fil-Komunità mill-produtturi esportaturi illi kienu qegħdin jikkoperaw kienu għall-mudelli tal-medda baxxa (aktar minn 97 % bil-volum). Il-kalkolazzjonijiet illi saru ma inkludewx, allura, il-kwantitajiet aktar żgħar ta' mudelli ta' medda medja u ogħlja peress illi huwa kienu kkunsidrati mhux rappreżentattivi.

(74) Fis-settur tal-medda baxxa, tliet tipi ta' mudelli kienu mibjugħa mill-industrija tal-Komunità:

I. il-miżien ta' fuq il-bank jew miżien "mono" (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "mono"):

II. il-miżien ta' fuq il-bank illi jkollu torri jew viżwal għall-klijenti (imsejjaħ aktar 'il quddiem bħala "torri"); u

III. tipi oħra ta' mwieżen ta' medda baxxa bħal per eżempju, imwieżen illi jiddendlu.

Il-paraguni illi saru illi jieħu in konsiderazzjoni l-imwieżen "mono" u "torri". L-imwieżen l-oħra ta' medda baxxa (Kategorija III jew ogħla) ma tteħdux in konsiderazzjoni minħabba illi huma kienu nbiegħu f'volumi marġinali kemm mill-industrija tal-Komunità u l-produtturi esportaturi u kienu, għaldaqstant, kkunsidrati mhux rappreżentattivi.

Ir-riżultati tal-paraguni fil-prezzijiet

(75) Ir-riżultati tal-paraguni tal-prezzijiet urew marġni ta' tnaqqis eċċessiv fil-prezzijiet illi jvarja mill-0 % sa 52 % għar-RPĊ, 60 % sa 65 % għat-Tajwan u 30 % sa 50 % għall-Korea.

4. **Sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità**

Rimarki preliminari

(76) Peress illi l-industrija tal-Komunità tirrigward biss żewġ produtturi tal-Komunità, ftit informazzjoni moghtija hawn taħt ġiet indiċiżżata għar-raġunijiet ta' konfidenzalità.

(77) Skond l-Artikolu 3(5) tar-Regolament Bażiku, l-eżami ta' l-impatt ta' l-importazzjonijiet illi huma l-oġġett tad-*dumping* fuq l-industrija tal-Komunità inkluda evalwazzjoni tal-fatturi ekonomiċi kollha u indiċijiet illi għandhom effett fuq l-istat ta' l-industrija. Madankollu, ċerti fatturi mhumiex trattati fid-dettall hawn taħt minħabba illi nstab illi mhumiex relevanti għas-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità fil-kors ta' din l-investigazzjoni. Għandu jiġi finalment innutat illi l-ebda wieħed minn dawn il-fatturi neċessarjament jagħti gwida deċiżiva.

Produzzjoni, utilizzazzjoni tal-kapaċità u l-inventarji

(78) Il-produzzjoni tar-REWS kollha matul il-perjodu taħt analiżi żdiedet bi 22 %. B' kuntrast, madankollu, l-produzzjoni tar-REWS tal-medda baxxa żdied b' 5 % biss matul il-perjodu ta' analiżi. Ir-rata ta' l-utilizzazzjoni tal-kapaċità ta' l-industrija tal-Komunità żdiedet minn 55 % sa 65 % matul il-perjodu ta' analiżi.

Indiċi tal-produzzjoni ta' l-Industrija tal-Komunità u tal-kapaċità — 1995 = 100	1995	1996	1997	1998	PI
Volum tal-produzzjoni kollha tar-REWS	100	102	105	107	122
Volum tal-produzzjoni tal-medda baxxa tar-REWS	100	123	114	100	105
Kapaċità (REWS kollha)	100	100	100	100	105
Rata tal-kapaċità ta' l-utilizazzjoni (REWS kollha)	55 %	56 %	58 %	60 %	65 %

Ġie kkunsidrat illi l-livell ta' l-inventarji ma setax jiġi kkunsidrat illi kellu xi effett sinnifikanti fuq is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità minħabba illi l-industrija tal-Komunità użat sistema fejn ipproduċied biss fuq ordni fejn il-ħażniet kienu kważi non eżistenti.

Volum tal-bejgħ

(79) Il-bejgħ ta' l-unitajiet totali tar-REWS illi sar mill-industrija tal-Komunità fuq is-suq tal-Komunità matul il-perjodu ta' analiżi żdied fil-volum b' 29 %. B' kuntrast, il-bejgħ tar-REWS tal-medda baxxa żdied fil-volum b' 10 % biss.

Valur tal-bejgħ

(80) L-evoluzzjoni tal-valur tal-bejgħ huwa muri fil-forma indiċiżżata fit-tabella hawn taħt. Il-valur tal-bejgħ tar-REWS totali ta' l-industrija tal-Komunità fuq is-suq tal-Komunità żdied b' 27 % matul il-perjodu ta' analiżi. B' kuntrast, il-valur tal-bejgħ tar-REWS b' medda baxxa naqas bi 11 % matul il-perjodu ta' analiżi.

Indiċi tal-valur tal-bejgħ — 1995 = 100	1995	1996	1997	1998	PI
REWS kollha	100	96	97	111	127
Medda baxxa	*100*	*95*	*94*	*90*	*89*

Sehem mis-suq u tkabbir fis-suq

(81) Is-sehem ta' l-industrija tal-komunità fis-suq tal-Komunità naqas għar-REWS kollha minn 26.1 % fl-1995 għal 24.9 % fil-perjodu ta' investigazzjoni; i.e. tnaqqis ta' 4.6 %. B' kuntrast is-sehem ta' l-industrija tal-Komunità tas-suq tal-medda baxxa naqas minn 21.8 % fl-1995 sa 17.1 % fil-perjodu ta' investigazzjoni; i.e. tnaqqis ta' 22 %.

(82) Għaldaqstant, l-industrija tal-Komunità ma setgħetx tibbenefika bis-sħiħ mit-tkabbir tas-suq.

Sehem mis-suq ta' l-industrija tal-Komunità	1995	1996	1997	1998	IP
REWS kollha	26,1 %	25,1 %	26,0 %	23,6 %	24,9 %
Indiċi	100	96	100	91	96
REWS ta' medda baxxa	21,8 %	17,9 %	19,8 %	16,1 %	17,1 %
Indiċi	100	82	91	74	78

Prezzijiet tal-bejgħ

(83) Il-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-meded kollha tar-REWS lill-klijenti mhux relatati naqsu fil-valur matul il-perjodu ta' analiżi:

Medda għolja (- 11 %);

Medda medja (- 18 %); u

Medda baxxa (- 17 %).

Ġie sottolineat minn esportatur produttur illi l-prezzijiet medji tal-bejgħ tar-REWS kollha żdiedu matul il-perjodu ta' analiżi illi, ġie allegat, indika illi l-industrija tal-Komunità ma kienitx sofriet danni. Madankollu, din iż-żjieda apparenti kienet interament dovuta għall-bidliet fil-varjetà fil-prodotti (i.e. bidliet sostanzjali fil-volum tal-bejgħ tal-meded tal-prodotti mill-1995 sal-perjodu ta' investigazzjoni) u din it-talba għaldaqstant, ġiet miċħuda. Dan joħroġ ċar ħafna mit-tendenza tal-prezzijiet għall-kull grupp ta' meded.

Profitabilità

(84) Ir-ritorn fuq il-valur tal-bejgħ tar-REWS komplessivament żdied mill-livelli baxxi pożittivi fl-1995 sa madwar 10 % tal-perjodu ta' investigazzjoni. B' kuntrast, il-grupp tal-medda l-baxxa sofra tnaqqis mill-profitabilità għal madwar 10 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. B' kuntrast, il-grupp tal-medda l-baxxa sofra waqa' mill-profitabilità baxxa posittiva fl-1995 għall-telf sostanzjali fil-perjodu ta' investigazzjoni (madwar 20 %).

(85) It-tendenza tar-REWS kumplessivament tista' tiġi spjegata b' żjieda fil-volum tal-bejgħ u l-valur tal-bejgħ illi jirriżulta mill-"effett tal-euro" kif spjegat fi premessa 64. Għandu jiġi sottolineat illi l-industrija tal-Komunità ma setgħetx tikseb il-livell ta' profitt aċċetabbli fis-snin qabel l-eżistenza ta' l-"effett tal-Euro" u l-profibilità kienet biss f'livelli suffiċjenti sabiex iżżomm il-vijabilità ta' l-industrija tal-Komunità fil-perjodu ta' investigazzjoni għaliex l-"effett tal-euro żied il-volum tal-bejgħ".

(86) Evalwazzjoni ta' l-impatt ta' l-"effett tal-euro" fuq il-profitabilità saret, sabiex jiġi muri kif il-profitabilità hija mistennija illi tiddeterjora hekk kif l-effett tal-euro jispiċċa. Huwa mbassar illi l-valur tal-bejgħ ta' l-industrija tal-komunità ser jaqa' b' għallinqas 27 % (i.e., l-istess ammont għall-valur tal-bejgħ taħt l-effett tal-euro kif muri fil-premessa 80.

(87) Aktar evidenza ta' l-impatt ta' l-effett tal-euro mir-rata ta' profitabilità ta' l-industrija tal-Komunità fl-1996 (i.e. qabel ma l-effett ta' l-euro kellu impatt). F'dan iż-żmien, ir-rata ta' profitabilità kien taħt it-3 %.

(88) Huwa importanti illi jiġi innutat illi l-industrija tal-Komunità ma kienitx pjenement kapaċi illi tibbenefika mill-effetti tal-euro minħabba illi l-qliegħ fuq il-bejgħ ta' REWS ta' medda baxxa kien ħafna anqas il-punt illi fih għalliqas jiġu koperti l-ispejjeż matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan huwa importanti minħabba illi dan huwa l-grupp illi fih l-importazzjonijiet mill-pajjiżi konċernati huma koncentrati. It-telf f'dan il-grupp naqqas il-profitabilità globali ta' l-industrija tal-Komunità u tellifha milli pjenement tibbenefika mill-effetti ta' l-euro u l-miżuri ta' kontra d-*dumping* kontra l-importazzjonijiet illi joriġinaw fil-Ġappun u Singapor. Barra minn hekk, huwa kkunsidrat illi l-effetti depressivi fuq il-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet illi huma l-oġġett tad-*dumping* inħassu wkoll fil-gruppi medji u għoljin minħabba illi l-prezzijiet f'medda waħda inevitabilment għandhom effett dirett fuq il-gruppi l-oħrajn.

(89) In konklużjoni, l-profitabilità globali ta' l-industrija tal-Komunità ma kienx f'livell illi fih seta' raġonevolment jiġi mistenni matul il-perjodu ta' investigazzjoni, minaħabba l-effetti dipressivi fuq il-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet illi huma l-oġġetti ta' *dumping*.

Fatturi oħra relatati mal-prestazzjoni

(90) Ma saret l-ebda analiżi dettaljata fuq il-fluss tal-kontanti, l-abilità illi jinġema' kapital (jew investimenti) u l-qligħ fuq l-investimenti għax din l-analiżi tkun tirrelata mas-sitwazzjoni tal-kumpannija kumplessivament. Il-linji tan-negozju l-oħrajn tal-kumpanniji jirrappreżentaw aktar minn 50 % tal-valur totali tal-bejgħ tal-kumpanniji u, għaldaqstant, l-analiżi globali ma tkunx neċessarjament rappreżentattiva għall-prodotti taħt konsiderazzjoni.

Fir-rigward ta' l-impatt fuq l-industrija tal-Komunità tal-kobor tal-marġni attwali tad-*dumping*, fid-dawl tal-volum u l-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet mill-pajjiżi konċernati, dan l-impatt ma jistax jiġi kkunsidrata bħala negliġibbli.

Produttività, xogħol u pagi

(91) It-tabella t' hawn taħt turi illi matul il-perjodu ta' analiżi, ix-xogħol fl-industrija tal-Komunità naqas bi 11 %.

Indiċi tal-produttività għal kull impjegat — 1995 = 100	1995	1996	1997	1998	IP
Numru ta' unitajiet prodotti	100	102	105	107	122
Numru ta' impjegati	100	91	82	90	89
Produttività kull impjegat	100	107	123	123	140

(92) Il-produttività għal kull impjegat żdiedet b' 40 % matul il-perjodu ta' analiżi.

(93) L-ebda analiżi dettaljata ma kienet saret fuq il-pagi kkunsidrata wkoll l-importanza ta' linji kummerċjali oħrajn fl-attivitajiet globali tal-kumpanniji. Din l-analiżi tkun tirrelata għas-sitwazzjoni tal-kumpannija komplessivament u mhux neċessarjament tkun rappreżentattiva tal-prodott taħt konsiderazzjoni.

5. **Konklużjoni fuq id-danni**

(94) Is-sejbiet t' hawn fuq juru illi l-perjodu ta' investigazzjoni, filwaqt illi jqisu l-iżviluppi matul il-perjodu kkunsidrat, l-industrija tal-Komunità sofriet tnaqqis fil-prezzijiet medji (fit-tliet meded kollha) u telf fis-sehem mis-suq. Is-sejbiet fir-rigward tar-REWS tal-medda baxxa (f'dak illi għandu x' jaqsam mal-volumi tal-bejgħ, il-prezzijiet medji, il-produzzjoni, is-sehem mis-suq u l-profitabilità) juru sitwazzjoni illi hija ħafna agħar minn dik tar-REWS kollha. Partikolarment, is-sitwazzjoni fqira ekonomika tal-grupp tal-medda baxxa tellef lill-industrija tal-Komunità milli tiksab livell globali ta' profitabilità illi hija setgħet tistenna taħt iċ-ċirkostanzi ta' l-effett ta' l-euro u l-miżuri ta' kontra d-*dumping* illi kienu fis-seħħ, partikolarment in vista ta' l-isforzi ta' ristrutturar illi hija implimentat.

(95) Għaldaqstant, ġie kkunsidrat illi l-industrija tal-Komunità sofriet danni materjali fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(96) Għandu jiġi innutat illi l-grupp ta' medda baxxa huwa important għall-industrija tal-Komunità peress illi hija għandha bżonn toffri l-gruppi kollha tat-tliet meded lill-klijenti tagħha u kwalunkwe pressjoni ta' prezzijiet f'segment ta' medda baxxa inevitabilment jiddeprimi l-prezzijiet fis-segmenti l-oħrajn illi huma fil-maġġorparti tagħhom mibjugħa lill-istess klijenti.

(97) L-effett tal-Euro huwa temporanju min-natura tiegħu, peress illi m'hemm l-ebda indikazzjoni illi l-Kompetizzjoni mill-importazzjonijiet illi huma l-oġġetti tad-*dumping* ser jieqfu. Għaldaqstant, hija biss kwestjoni ta' żmien qabel ma s-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità tiddeterjora ulterjorment. Dan huwa xaktarx minħabba illi tnaqqis fid-domanda huwa mistenni illi jnaqqas il-produzzjoni, il-bejgħ, is-sehem mis-suq u l-prezzijiet. Għandu wkoll jiġi mfakkar illi l-prezzijiet medji fiż-żona tal-munita tal-euro kienu ferm ogħla minn dak ta' barra minn din l-arja, u dan jagħti indikazzjoni addizzjonali dwar l-iżviluppi futuri.

E. **KAWŻA**

1. **Daħla**

(98) L-effett ta' l-importazzjonijiet illi huma l-oġġett ta' *dumping* fuq l-industrija tal-Komunità ġie eżaminat.

(99) Barra minn hekk, saret stima ta' l-impatt tal-fatturi l-oħrajn kollha magħrufa fuq l-industrija tal-Komunità. Din l-analiżi tassigura illi kwalunkwe dannu ikkawżat minn fatturi oħra barra l-importazzjonijiet illi huma l-oġġett ta' *dumping* konċernati mhuwiex erronjament attribwit lil dawk l-importazzjonijiet illi huma l-oġġetti tad-*dumping*.

2. **Effett ta' l-importazzjonijiet illi huma l-oġġetti ta' *dumping***

L-effett fuq il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq

(100) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-konsum fis-suq tal-Komunità żdied b' 35 %. Madankollu, l-bejgħ fl-industrija tal-Komunità żdied biss b' 29 % u l-importazzjonijiet mill-pajjiżi konċernati żdied b' 123 %.

(101) Kif spjega fil-premessa 81, is-suq ta' l-industrija tal-Komunità żdied b' 4.6 % fuq il-perjodu kkunsidrat. B' kuntrast, is-sehem mis-suq ta' l-importazzjonijiet mill-pajjiżi konċernati żdied minn 9,2 % sa 15,1 % fuq l-istess perjodu.

(102) Kif spjegat fil-premessa 82, il-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità naqsu matul il-perjodu kkunsidrat. Matul l-istess perjodu, il-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet illi joriġinaw fil-pajjiżi konċernati kif muri fil-premessa 75 kienu sostanzjalment aktar imqaċċta minn dawk ta' l-industrija tal-Komunità. Dawn kellu konsegwenzi negattivi fuq il-profitabilità ta' l-industrija Komunità.

(103) L-analiżi t' hawn fuq turi illi hemm koinċidenza ċara ħafna fiż-żmien bejn it-tnaqqis ta' l-industrija tal-Komunità f'dawk illi huma indikaturi finanzjarji u ekonomiċi u ż-żjieda fl-importazzjonijiet illi huma l-oġġett tad-*dumping* mill-pajjiżi konċernati.

*Impatt ta' l-importazzjonijiet illi huma l-oġġetti tad-*dumping *fil-grupp fil-medda l-baxxa*

(104) L-impatt negattiv fl-importazzjonijiet illi huma l-oġġett tad-*dumping* fis-sitwazzjoni globali ta' l-industrija tal-Komunità tista' tiġi ritraċċata billi ssir aliżi rifinuta tar-rabta każwali ibbażata fuq is-segmenti tas-suq differenti tar-REWS.

(105) Għandu jiġi mfakkar illi matul il-perjodu ta' investigazzjoni, 97 % ta' l-importazzjonijiet mill-produtturi esportaturi illi ikkoperaw, illi jammonta għal kważi 15 000 unit, kienu fis-segment tal-medda baxxa. L-importazzjonijiet totali mill-pajjiżi konċernati kienu jammontaw għal 33 063 unitajiet fil-perjodu ta' investigazzjoni. Għaldaqstant, kien hemm l-assunzjoni ili 97 % ta' l-importazzjonijiet totali kienu fil-medda l-baxxa. Din il-assunzjoni kien ibbażata fuq il-fatti disponibbli, peress illi ma kien hemm l-ebda raġuni illi d-disinn ta' l-importazzjonijiet l-oħrajn kollha kellu jkun different minn dak tal-prodotturi esportaturi illi kienu qegħdin jikkoperaw. Għaldaqstant, peress illi l-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità fil-grupp tal-medda l-baxxa kienu ftit aktar baxxi mill-importazzjonijiet mill-pajjiżi konċernati fil-perjodu ta' investigazzjoni. It-tabella t' hawn taħt turi t-tkabbir tal-volum tal-bejgħ fl-industrija tal-Komunità tal-grupp tal-medda l-baxxa mqabbla ma' l-istima tal-bejgħ fl-istess grupp mill-produtturi esportaturi fil-pajjiżi konċernati. Dan juri illi matul il-perjodu kkunsidrat, il-produtturi esportaturi żjiedu l-volum tal-bejgħ tagħhom b' 123 % f'dan il-grupp meta l-industrija tal-Komunità rnexxielha biss iżżid il-volum tal-bejgħ b' 10 %.

Il-volum tal-bejgħ fis-suq tal-Komunità ta' REWS ta' medda baxxa Indiċi — 1995 = 100	1995	1996	1997	1998	IP
L-industrija tal-Komunità	100	106	109	104	110
Il-pajjiżi konċernati — bbażata fuq 97 % ta'l-esporti totali	14 407	31 849	25 629	33 430	32 071
Indiċi tal-pajjiżi konċernati	100	221	178	232	223

(106) L-iżvilupp korrispondenti fis-sehem mis-suq juri wkoll illi l-impotrazzjonijiet mill-pajjiżi konċernati kienu żdiedu matul il-perjodu kkunsidrat a skapitu ta' l-industrija tal-Komunità. Is-sehem mis-suq ta' l-importazzjonijiet ta' medda baxxa mill-pajjiżi konċernati żdied minn 9,2 % sa 15,1 % (i.e. żjieda globali ta' 65 %), meta s-suq ta' l-industrija tal-Komunità tal-medda l-baxxa niżel minn 21,8 % sa 17,1 % (i.e. tnaqqis ta' 22 %).

(107) Il-premessa 82 tirreġistra l-iżvilupp tal-prezzijiet medji ta' l-industrija tal-Komunità. Minkejja illi l-prezzijiet medji ta' l-industrija tal-Komunità naqas fil-mudelli kollha bi tliet meded, it-tnaqqis fil-grupp tal-medda l-baxxa kien ħafna akbar mit-tnaqqis fil-prezzijiet medji globali.

(108) Għandu wkoll jiġi mfakkar illi l-profitti ta' l-industrija tal-Komunità ma kenux imqassmin regolarment fost il-mudelli tal-gruppi differenti ta' meded. Id-dazji ta' kontra d-*dumping*, fir-rigward ta' l-importazzjonijiet mill-Gaġġun u s-Singapor (deskritti fil-premessi 8 u 9) jirrigwardaw prinċiparjament il-gruppi ta' meded għoljin u medji u ikkontribwixxew għas-sitwazzjoni ta' profitabilità. B' kuntrast, il-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità fil-grupp ta' medda żghira saru b' telf sostanzjali. Huwa preċiżament dan il-grupp illi kien l-għan mill-produtturi esportaturi fil-pajjiżi konċernati.

3. **Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi**

(109) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, l-importazzjonijiet oħra fil-Komunità oriġinaw f'ħafna pajjiżi differenti inklużi l-Ġappun u Singapor, kif muri fit-tabella t' hawn taħt.

Total ta' l-importazzjonijiet ta' REWS mill-pajjiżi konċernati	1995	1996	1997	1998	PI
Il-Ġappun	474	954	1 606	2 794	2 332
Il-Ġappun — sehem mis-suq	0,3 %	0,6 %	1,0 %	1,6 %	1,2 %
Singapor	3 776	863	987	1 332	427
Singapor — sehem mis-suq	2,5 %	0,6 %	0,6 %	0,8 %	0,2 %
Oħrajn	7 079	6 663	8 357	9 514	7 897
Oħrajn —sehem mis-suq	4,4 %	3,9 %	4,7 %	4,7 %	3,6 %
Importazzjonijiet totali (eskluži l-pajjiżi konċernati)	11 329	8 480	10 950	13 640	10 656

(110) L-importazzjonijiet mill-Ġappun u Singapor kienu bla ħsara għall-miżuri ta' kontra *dumping* illi jvarjaw minn 15 % sa 32 % matul il-perjodu kkunsidrat u kienu żgħar fil-volum. Il-prezzijiet lill-klijent aħħari jistgħu jiġu kkunsidrati illi ma jagħmlux ħsara. Għaldaqstant, huwa ċar illi l-importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi ma jikkontribwixxux għad-dipressjoni tal-prezzijiet u għaldaqstant mhumiex x'aktarx illi ikkontribwixxew sostanzjalment għad-danni illi l-industrija tal-Komunità sofriet.

(111) L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi (prinċiparjament l-Isvizzera, l-USA u l-Indoneżja) saru f'volumi baxxi. L-unika informazzjoni disponibbli fuq il-prezzijiet disponibbli lill-Kummissjoni kienet mill-Eurostat, illi ma indikatx il-medda involuta, u għaldaqstant, kien diffiċli illi jsiru konklużjonijiet fir-riwgard tal-livell tal-prezzijiet. Skond l-industrija tal-Komunità, l-uniċi preokkupazzjonijiet tagħhom fir-rigward ta' l-importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi kienu relatati ma' l-esportazzjonijiet ta' l-Indoneżja. Madankollu, in vista tal-volum de minimis (1 451 unitajiet) ta' importazzjonijiet mill-Indoneżja matul il-perjodu ta' investigazzjoni, huwa ċar illi x' aktarx ma kellhom l-ebda kontribut sostanzjali għad-danni sofferti mill-industrija tal-Komunità.

4. **Effett tal-kompetizzjoni interna fi ħdan il-Komunità**

(112) Ġie sottomess mill-produtturi esportaturi illi l-kompetizzjon interna fis-suq tal-Komunità tar-REWS, illi toħroġ mill-bidliet fl-istruttura tas-settur ta' l-imnut tal-Komunità, kellha l-effett illi baxxiet il-prezzijiet. Għaldaqstant, ġie investigat jekk dawn il-bidliet kenux tan-natura illi huma jistgħu jiksru l-ħolqa kawżali ta' bejn l-importazzjonijiet illi huma l-oġġetti ta' *dumping* u d-danni sofferti mill-industrija tal-Komunità.

(113) Fil-Komunità kollha, is-sehem mis-suq ta' l-utenti multipli (i.e., gruppi ta' supermerkati kbar) żdied konsiderevolemtn, filwaqt illi n-numru ta' l-utenti ż-żgħar naqas. Din il-bidla fl-istruttura żiedet il-poter ta' l-akkwist ta' l-utent industrijali in ġenerali, u x'aktarx, din il-bidla kellha l-effett illi tbaxxi l-prezzijiet medji.

(114) Kif imsemmi fil-premessa 59, l-istruttura ta' l-industrija tal-Komunità inbidlet ukoll sostanzjalmetn matul il-perjodu kkunsidrat. It-tnaqqis fin-numru ta' kumpanniji u t-tijib fil-produttività, muri fil-premessa 90 kien desinjat illi jkollu x' jaqsam ma' dawn il-bidliet fis-suq. Ġie konkluż illi l-kompetizzjoni interna fis-suq illi toħroġ mill-bidliet fl-istruttura tas-settur ta' l-imnut tal-Komunità ma kisritx ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet illi huna l-oġġett tad-*dumping* u d-danni sofferti mill-industrija tal-Komunità.

5. **Konklużjoni dwar il-kawża**

(115) In vista tal-kombinazzjoni fiż-żmien bejn, fuq naħa waħda, it-tnaqqis eċċessiv fil-prezzijiet, is-sehem sostanzjanli mis-suq miksub mill-importazzjonijiet illi huma l-oġġetti ta' *dumping* mill-pajjiżi konċernati, u min-naħa l-oħra, t-telf korrispondenti tas-sehem mis-suq illi sofriet l-industrija tal-Komunità, kif ukoll it-tnaqqis fil-prezzijiet tal-bejgħ, ġie konkluż illi l-importazzjonijiet illi huna l-oġġett tad-*dumping* illi joriġinaw fil-pajjiżi konċernati ikkawżaw dannu materjali għall-industrija tal-Komunità.

(116) Għaldaqstant, ġie konkluż illi l-importazzjonijiet illi huma l-oġġetti tad-*dumping* illi joriġinaw fil-pajjiżi konċernati ikkawżaw danni materjali lill-industrija tal-Komunità. Filwaqt illi l-fatturi l-oħra setgħu ikkontribwixxew, huma mhumiex tali illi jiksru r-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet illi huna l-oġġeti tad-*dumping* u d-danni sofferti mill-industrija tal-Komunità.

F. **INTERESS TAL-KOMUNITÀ**

1. **Konsiderazzjonijiet Ġenerali**

(117) Skond l-Artikolu 21 tar-Regolament Bażiku, ġie eżaminat jekk l-imposizzjoni ta' miżuri ta' kontra d-*dumping* kienitx kontra l-interess ġenerali tal-Komunità. Id-determinazzjoni ta' l-interessi tal-Komunità ġie ibbażat fuq apprezzament ta' l-interessi involuti, u ċioè dawk ta' l-industrija tal-Komunità, l-importaturi u l-utenti tal-prodotti konċernati liema apprezzament kien limitat għal kemm il-partijiet interessati relevanti taw it-tagħrif minnhom mitlob f'dan ir-rigward

(118) Sabiex tkun tista' ssir stima dwar l-impatt l-aktar probabbli ta' l-imposizzjoni jew in-nuqqas ta' imposizzjoni tal-miżuri, ġiet mitluba informazzjoni mill-partijiet interessati kollha. Il-kwestjonnarji ġew mibgħuta lill-industrija tal-Komunità, l-importaturi/negozjanti u żewġ assoċjazzjonijiet ta' utenti tal-prodotti konċernati.

(119) Fuq din il-bażi ġie deċiż jekk, minkejja l-konklużjonijiet fuq id-*dumping*, id-danni u l-kawża, jekk kienx hemm raġunijiet qawwijiet illi jwasslu għall-konklużjoni illi ma jkunx fl-interess tal-Komunità sabiex jiġu imposti miżuri f'dan il-każ partikolari.

2. **Interess ta' l-industrija tal-Komunità**

(120) Fin-nuqqas ta' miżuri kontra d-*dumping* dannuż, is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità fiż-żgur ser tiddeterjora f'dak illi għandu x' jaqsam mas-sehem mis-suq, il-profitabilità u l-impjiegi. Dan huwa partikarolment minnu in vista tal-fatt illi l-effett ta' l-euro, illi sa ċertu punt jikkompensa għall-effetti ta' l-importazzjonijiet illi huma l-oġġetti tad-*dumping*, fi żmien qasir ser jispiċċaw. L-importazzjonijiet illi huma l-oġġetti tad-*dumping* kellhom impatt immedjat fuq il-grupp tal-medda baxxa illi l-industrija ma tiflaħx għalih fit-tul. L-importanza ta' dan il-grupp għall-industrija tal-Komunità huwa illi hija trid tkompli toffri t-3 gruppi għall-bejgħ sabiex tforni l-utenti maġġuri fis-suq.

(121) Kien hemm konsolidazzjoni fuq skala kbira tal-produtturi tal-Komunità matul il-perjodu ta' analiżi. Dan kompla l-proċess illi kien sar matul is-snin tad-90ijiet illi kien jinvolvi għaqdiet u akkwisizzjonijiet varji. Din il-konsolidazzjoni għenet sabiex tiġi assigurata s-sopravivenza tal-produzzjoni tar-REWS fil-Komunità u b'hekk tiġi mantenuta t-teknoloġija ta' l-imwieżen in ġenerali. Dan huwa importanti minħabba illi inevitabilment ikun hemm effetti kollegati (f'dak illi għandu x' jaqsam ma' profitabilità mnaqqsa u l-impjiegi), kemm fuq il-fornituri ta' l-industrija kif ukoll fuq is-setturi relatati tal-produzzjoni fl-industrija tal-Komunità jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Dan huwa minħabba illi t-teknoloġiji tar-REWS u l-gamma sħiħa tal-prodotti l-oħra huma relatati. Kwalunkwe telf ta' għarfien teknoloġiku fis-settur tar-REWS ser iffiser telf globali ta' kompetitività fis-setturi relatati wkoll. L-industrija tal-Komunità ipproduċiet l-imwieżen elettroniċi bħal dawk użati fis-settur ta'l-industrija u tipprovdi wkoll il-kura għal dawn l-imwieżen. Barra minn hekk, l-industrija tal-komunità immanifatturat gamma ta' apparat ieħor għall-ħwienet illi jbiegħu bl-imnu bħal makni illi jċattgħu illi huma mibjugħa perezz ta' l-istess kanali tal-bejgħ. Huwa ċar illi l-impjiegi f'dawn l-oqsma jiġu wkoll preġudikati jekk id-*dumping* dannuż jitħalla jitkompla.

(122) Barra minn hekk, l-industrija tal-Komunità għamlet kull sforz sabiex tlaħħaq mal-kompetizzjoni mir-RPĊ, il-Korea u t-Tajwan. Eżempji ta' dawn il-miżuri huma:

— progressjoni lejn konsolidazzjoni akbar (anqas kumpanniji),

— l-għeluq ta' kapaċità eċċessiva,

— użu aktar wiesgħa ta' teknika moderna ta' produzzjoni (e.g. produzzjoni fuq ordni, aktar mekkanizzazzjoni u l-kompjuterizzazzjoni),

— titjib fil-produttività,

— tnaqqis fl-ispejjeż permezz ta' żjieda fil-kuntratti ta' fornitur tal-komponenti u permezz tal-bdil fl-użu tal-kanali ta' distribuzzjoni, u

— investiment fil-gammi ġodda tal-mudelli u teknoloġija ta' wżin imtejba.

Il-produtturi tal-Komunità għaldaqstant, wrew ix-xewqa illi jżommu preżenza kompetittiva fis-suq tal-Komunità u huma kapaċi illi jibbenefikaw mill-miżuri ta' kontra d-*dumping* jekk kemm-il darba dawn jiġu imposti.

3. **Interessi tal-partijiet l-oħra**

(123) Il-koperazzjoni ta' rappreżentanti ta' l-interessi ta' l-istabbilimenti illi jbiegħu bl-imnut ġiet imfittxa, inklużi l-utenti multipli tal-prodotti konċernati (supermerkati), sabiex jiġi identifikat jekk kienx hemm xi impatt sinifikanti fuq l-utenti.

(124) Żewġ utenti biss ikkoperaw fl-investigazzjoni. Utent wieħed esprima l-appoġġ tiegħu għall-ilment ta' l-industrija tal-Komunità illi iddikjara illi l-benefiċċji fit-tul mill-kwalità globali tal-provviżjoni u s-serviżż miksubin mill-industrija tal-Komunità ikunu akbar mill-benefiċċji temporanji illi jkunu jistgħu jiġu miksubin mix-xiri ta' REWS mill-pajjiżi esportaturi konċernati bi prezzijiet eċċessivament imnaqqsa.

B' kuntrast, l-utent l-ieħor qal illi jekk il-miżuri jiġu imposti, huwa jbati minn spejjeż miżjuda u kompetitività mnaqqsa.

(125) In-nuqqas ta' koperazzjoni mill-utenti huwa indubbjament dovut għall-proporzjoni żgħir ħafna ta' l-ispejjeż totali ta' l-utenti irrappreżentati mir-REWS. L-impatt ta' l-imposizzjoni ta' miżuri, f'dak illi huwa suq altament kompetittiv, jista' jiġi preżunt illi huwa negliġibbli.

(126) L-opinjonijiet ta' l-importaturi fil-Komunità ġew imfittxija wkoll. Ir-risposti ta' kwestjonnarju inkomplet wieħed biss ġie riċevuti. Ġie konkluż illi, kieku l-miżuri kellhom jiġu imposti, ikun hemm impatt fuq il-valur tal-bejgħ u l-profitti ta' l-importaturi. Madankollu, x' aktarx dan l-impatt ikun żgħir stante li l-importaturi jinnegozjaw fi prodotti oħra wkoll.

4. **Konklużjoni**

(127) Il-livell baxx fil-koperazzjoni mill-utenti u l-importaturi jagħmilha kjarament diffiċli illi jintlaħqu konklużjoni dwar l-effett illi l-miżuri ta' kontra d-*dumping* ikollhom f'dawn is-setturi. Ġie konkluż, madankollu, illi l-impatt ikun negliġibbli, partikolarment għas-settur ta' l-imnur peress illi l-proporzjoni ta' l-ispejjeż rappreentati mir-REWS huwa żgħir ħafna.

(128) Għandu jiġi mfakkar, madankollu, illi l-importazzjonijiet illi huma l-oġġett tad-*dumping* mill-pajjiżi konċernati ikkawżaw danni materjali lill-industrija tal-Komunità, illi għamlet sforzi kbar sabiex tibqa' kompetittiva. Il-qawwa kollha ta' dawn id-danni huwa moħbi permezz tal-benefiċċji temporanji ikkawżati mill-introduzzjoni tal-Euro. Madankollu, fin-nuqqas tal-miżuri, u in vista ta' l-effett ta' tnaqqis tal-euro, x'aktarx illi l-industrija tal-Komunità tiddeterjora aktar u tista' tieqaf tipproduċi REWS tal-medda baxxa u, għaldaqstant, il-vijabilità ta' l-industrija intiera tal-Komunità tkun mhedda.

(129) Fuq il-bażi ta' dan t' hawn fuq il-Kummissjoni tikkonkludi illi mhemm l-ebda raġunijiet impellenti illi għandhom x' jaqsmu ma' l-interess tal-Komunità illi ma jiġux imposti miżuri ta' kontra d-*dumping*.

G. **DOVERI PROPOSTI**

1. **Livell ta' l-eliminazzjoni tad-danni**

(130) Sabiex jiġu evitati aktar dani permezz ta' l-importazzjonijiet illi huma l-oġġetti tad-*dumping*, qiegħed jiġi propost illi jiġu adottati miżuri ta' kontra d-*dumping* fil-forma ta' dazji definittivi. Għall-għan illi jiġi stabbilit il-livell ta' dawn id-dazji, ittieħed kont tal-marġni tad-*dumping* misjuba, l-ammont ta' dazju meħtieġ sabiex jiġu eliminati d-danni sostenuti mill-industrija tal-Komunità u s-sitwazzjoni tas-suq fl-industrija tal-Komunità.

(131) Għal dan il-għan, l-ispejjeż rappreżentanti tal-produzzjoni taż-żewġ mudelli bażiċi tal-medda baxxa (u ċioè mono u torri) ta' l-industrija tal-Komunità ġew użati, flimkien ma marġni ta' profitt ta' 10 %. Il-prezzijiet illi jirriżultaw illi mhumiex dannużi ibbażati fuq dawn l-ispejjeż u l-profitti jirapreżentaw il-livell tal-prezzijiet tal-bejgħ illi l-industrija tal-Komunità hija mistennija illi jirnexxielha tikseb, fin-nuqqas ta' l-importazzjonijiet illi huna l-oġġett tad-*dumping*. Iż-żewġ prezzijiet mhux dannużi ġew paragonati mal-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet illi huma l-oġġett tad-*dumping* użat sabiex jiġi stabbilit it-tnaqqis eċċessiv fil-prezz, kif hemm imsemmi fil-premessa 72 sa 75. Id-differenzi bejn dawn iż-żewġ prezzijiet (fuq il-bażi ta' medja peżata u espressa bħala persentaġġ fuq livelli CIF), wera l-marġni ta' nuqqas fil-bejgħ applikabbli għal kull kumpannija.

(132) Dawn il-marġni inklużi dawk ta' l-esportaturi illi ma kkoperawx huma aktar għoljin mill-marġni tad-*dumping* stabbiliti (bl-eċċezzjoni ta' Mettler-Toledo meta l-marġni tad-danni kien ta' 0 %). Skond ir-regola ta' l-anqas dazju skond l-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, qiegħed jiġi propost illi d-dazju għandu jiġi stabbilit fil-livell ta' l-aktar maġni baxxi.

2. **Forma u livell tal-miżuri definittivi**

(133) Fid-dawl ta' dan t' hawn fuq, huwa kkunsidrat illi, skond l-Artikolu 9(4) tar-Regolament Bażiku, id-dazji definittivi ta' kontra d-*dumping* għandhom jiġu imposti. Dazju *ad valorem* huwa kkunsidrat l-aktar wieħed opportun f'dan il-proċediment.

(134) Id-dazju residwu ġie stabbilit f'livell illi ma jippremjaw in-nuqqas ta' koperazzjoni f'kull pajjiż konċernat. Peress illi l-koperazzjoni fil-Korea kienet għola, il-livell ta' dazju residwu ġie stabbilit fil-livell ta' l-għola marġni tad-*dumping* għall-kumpanniji koperattivi. Peress illi l-koperazzjoni kienet baxxa fir-RPĊ u t-Tajwan, il-livell ta' dazju residwu kien stabbilit fil-livell ta' l-ogħla marġni tad-*dumping* għall-kumpanniji koperattivi. Peress illi l-koperazzjoni kienet baxxa fir-RPĊ u l-marġni tad-*dumping* mibjugħa fi kwantitajiet rappreżentativi.

(135) Ir-rati individwali ta' kontra d-*dumping* speċifikati f'dan ir-Regolament kien stabbiliti fuq il-bażi tas-sejbiet fl-investigazzjoni preżenti. Għaldaqstant, dan jirrifletti s-sitwazzjoni misjuba matul dik l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpanniji. Dawn ir-rati ta' dazju (kif oppost għad-dazju applikabbli fil-pajjiż kollu għall-"kumpanniji l-oħrajn kollha") għaldaqstant, huma esklussivament applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti illi joriġinaw fil-pajjiż konċernat u prodotti mill-kumpannija u għalhekk mill-imsemmija entità legali. Il-prodotti importati prodotti minn kwalunkwe kumpannija oħra illi ma kienitx speċifikatament imsemmija fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament b' isimha u bl-indirizz, inklużi l-entitajiet relatati għal dawk speċifikatament imsemmijin, ma jistgħux jibbenefikaw minn din ir-rata u għandhom ikunu suġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpanniji l-oħrajn kollha".

(136) Kwalunkwe talba illi titlob l-applikazzjoni ta' din ir-rata ta' dazju ta' kontra d-*dumping* għall-kumpannija individwali (per eżempju bidla fl-isem ta' l-entità jew wara l-istabbilimenti ta' entitajiet ġodda ta' produzzjoni jew bejgħ) għandha tiġi indirizzata lill-Kummissjoni minnufih bl-informazzjoni relevanti kollha, partikolarment kwalunkwe bidla fl-attivitajiet tal-kumpannija marbutin mal-produzzjoni, il-bejgħ domestiku u għall-esportazzjoni assoċjati ma' per eżempju, dik il-bidla ta' l-isem jew dik il-bidla fl-entitajiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ. Il-Kummissjoni, jekk ikun opportun, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, ser temenda r-Regolament skond il-każ billi taġġorna l-lista tal-kumpanniji illi jibbenefikaw minn rati ta' dazju individwali.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Qegħda tiġi hawnhekk imposta rata ta' dazju definittiva fuq l-importazzjonijiet ta' mwieżen elettroniċi illi għandhom kapaċità ta' użin massima illi ma taqbiżx it-30kg, għall-użu fin-negozju bl-imnut illi jinkorporaw viżwal diġitali ta' l-użin, il-prezz ta' l-unità u l-prezz illi għandu jitħallas (kemm jekk jinkludi sistemi sabiex tiġi stampata din id-ata kemm jekk ma jkun jinkludi din is-sistema) illi fil-preżent hija klassifikabbli fil-Kodiċi CN ex 8423 81 50 (Kodiċi TARIC 8423 81 50 10) u illi joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, il-Korea u t-Tajwan.

2. Id-dazju, kalkolat fuq il-bażi tal-prezz nett illi jkun ħieles minn kwalunkwe piż fuq il-fruntiera tal-Komunità tal-prodotti qabel id-dazju ser ikunu:

Pajjiż	Kumpannija	Rata ta' Dazju	Kodiċi addizzjonali TARIC
Ir-Repubblika Popolari Ċiniża	Shanghai Teraoka Electronic Co. Ltd	12,8 %	A207
	Mettler-Toledo Changzhou Scale Ltd	0 %	A215
	Shanghai Yamato Scale Co. Ltd	9,0 %	A209
	Il-Kumpanniji l-oħrajn kollha	30,7 %	A999
Ir-Repubblika tal-Korea	CAS Corporation	0 %	A210
	A & D Korea Co. Ltd	4,7 %	A211
	Il-Kumpanniji l-oħrajn kollha	4,9 %	A999
Taiwan	UWE-Universal Weight Enterprise Co. Ltd,	5,5 %	A213
	Taipei Snowrex International Co. Ltd, Taipei	5,9 %	A214
	Il-kumpanniji l-oħrajn kollha	13,4 %	A999

3. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji tad-dwana għandhom japplikaw.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-27 Novembru 2000.

F'isem il-Kunsill

Il-President

L. FABIUS